**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2014**

**tal-21 ta' Awwissu 2020**

**li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu 2021-2023**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandu l-għan li jelimina b'mod progressiv il-qbid skartat fis-sajd kollu tal-Unjoni bl-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għall-qabdiet tal-ispeċijiet li huma soġġetti għal-limiti tal-qbid.

(2) L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi l-adozzjoni ta' pjanijiet pluriennali li jkun fihom miżuri ta' konservazzjoni għas-sajd li jisfrutta ċerti stokkijiet f'żona ġeografika rilevanti. Dawn il-pjanijiet pluriennali jispeċifikaw id-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art u jistgħu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni li tispeċifika aktar dawk id-dettalji abbażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri.

(3) Ir-Regolament (UE) 2018/973 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet. L-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika d-dettalji tal-obbligu ta' ħatt l-art għall-istokkijiet kollha tal-ispeċijiet fil-Baħar tat-Tramuntana li għalihom japplika l-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, kif previst fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 15(5) ta' dak ir-Regolament abbażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri.

(4) Kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/973, il-Baħar tat-Tramuntana jinkludi d-diviżjonijiet 2a, 3a u s-subżona 4 tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar ("ICES").

(5) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2238 ([3]) jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu 2020-2021, wara rakkomandazzjoni konġunta mressqa mill-Belġju, mid-Danimarka, minn Franza, mill-Ġermanja, min-Netherlands, mill-Iżvezja u mir-Renju Unit ([4]) li għandhom interess ta' ġestjoni dirett tas-sajd fil-Baħar tat-Tramuntana.

(6) Wara konsultazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana u mal-Kunsill Konsultattiv tal-Istokkijiet Pelaġiċi, fl-4 ta' Mejju 2020, il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja ressqu rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni li tistabbilixxi pjan għall-iskartar għall-ispeċijiet pelaġiċi u demersali fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu 2021-2023. L-Istati Membri bagħtu verżjoni riveduta tar-rakkomandazzjoni konġunta fit-23 ta' Lulju 2020.

(7) Inkisbu kontribuzzjonijiet xjentifiċi mingħand il-korpi xjentifiċi rilevanti, li ġew analizzati mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ("STECF") ([5]). Il-Kummissjoni ppreżentat il-miżuri kkonċernati lil grupp ta' esperti magħmul minn rappreżentanti tas-27 Stat Membru fit-28 ta' Lulju 2020 waqt laqgħa li għaliha attenda l-Parlament Ewropew bħala osservatur.

([1]) ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2238 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu tip ta' sajd demersali fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu mill-2020 sal-2021. ĠU L 336, 30.12.2019, p. 34.

([4]) Ir-Renju Unit ma baqax Stat Membru mill-1 ta' Frar 2020.

([5]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf

(8) Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kummissjoni qieset kemm il-valutazzjoni tal-STECF kif ukoll il-ħtieġa li l-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-obbligu ta' ħatt l-art. Il-gruppi reġjonali bbażaw il-biċċa l-kbira tat-talbiet tagħhom għal eżenzjoni *de minimis* fuq żieda potenzjali fil-kostijiet bħala konsegwenza tal-immaniġġjar tal-qabdiet mhux mixtieqa. L-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri f'dan ir-rigward tjiebet. Madankollu, l-STECF jinnota li t-titjib fil-ġbir tad-*data* għadu meħtieġ fi wħud mill-każijiet, u li t-titjib tas-selettività jenħtieġ ikun prijorità biex jitnaqqas il-livell tal-qabdiet mhux mixtieqa. Għalhekk, f'każijiet bħal dawn, l-eżenzjonijiet se jingħataw fuq bażi ta' każ b'każ għal sena jew sentejn. L-Istati Membri jenħtieġ jipprovdu *data* addizzjonali li tirriżulta minn provi u studji xjentifiċi li għadhom għaddejjin.

(9) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 jinkludi eżenzjoni tas-sopravivenza, kif previst fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għall-qabdiet tal-iskampu bin-nases fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES, abbażi tal-evidenza xjentifika li turi rati għoljin tas-sopravivenza tal-qbid skartat. L-Istati Membri talbu li l-eżenzjoni titkompla. L-STECF evalwa l-evidenza mressqa mill-Istati Membri fis-snin preċedenti u kkonkluda ([6]) li l-eżenzjoni hija ġustifikata. Iċ-ċirkostanzi ma nbidlux u għalhekk jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tinżamm.

(10) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 jinkludi eżenzjoni tas-sopravivenza għall-qabdiet tal-iskampu li jsiru fis-subżona 4 tal-ICES u fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, inkluż xi wħud b'apparat ta' selettività. L-Istati Membri talbu li din l-eżenzjoni titkompla u pprovdew evidenza ġdida. L-STECF analizza l-evidenza l-ġdida mressqa mill-Istati Membri u kkonkluda ([7]) li ngħatat informazzjoni addizzjonali għas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti fil-kosta tal-Lvant għall-awwisti, kif meħtieġ mill-STECF ([8]). Fis-snin preċedenti, l-STECF ikkonkluda li l-informazzjoni ġustifikattiva kienet soda u li t-teknika tal-validazzjoni użata fil-kuntest tal-flotot usa' kienet raġonevoli ([9]). Iċ-ċirkostanzi ma nbidlux u għalhekk jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tinżamm.

(11) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 jinkludi eżenzjoni tas-sopravivenza għal-lingwata komuni inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ("MCRS") li tinqabad bix-xbieki tat-tkarkir fid-diviżjoni 4c tal-ICES, abbażi ta' evidenza xjentifika li turi rati għoljin tas-sopravivenza tal-ħut skartat. L-Istati Membri talbu lill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar li l-eżenzjoni titkompla. L-STECF evalwa l-evidenza fis-snin preċedenti u kkonkluda ([10]) li din kienet biżżejjed. Iċ-ċirkostanzi ma nbidlux u għalhekk jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tinżamm.

(12) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 jinkludi eżenzjoni tas-sopravivenza għall-qabda aċċidentali ta' speċijiet soġġetti għal limiti ta' qbid fis-sajd li jsir bin-nases u bix-xbieki fyke, abbażi ta' evidenza xjentifika li wriet rati għoljin tas-sopravivenza tal-qbid skartat. L-STECF evalwa l-evidenza fis-snin preċedenti u kkonkluda ([11]) li d-*data* disponibbli tindika li aktarx il-mortalità tal-ħut skartat tkun baxxa; madankollu, il-qabdiet attwali fis-sajd huma negliġibbli. L-eżenzjoni jenħtieġ tkompli tapplika għax il-qabdiet mhumiex sinifikanti u ċ-ċirkostanzi ma nbidlux.

(13) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 jinkludi eżenzjoni tas-sopravivenza għall-barbun tat-tbajja' fis-sajd li jsir bl-għeżula u bil-pariti fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES. L-Istati Membri talbu li l-eżenzjoni titkompla. L-STECF ivvaluta l-evidenza fis-snin preċedenti u kkonkluda ([12]) li l-informazzjoni kienet raġonevoli u turi sopravivenza konsiderevolment għolja. Iċ-ċirkostanzi ma nbidlux u għalhekk jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tinżamm f'dan ir-Regolament.

(14) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 jinkludi eżenzjoni tas-sopravivenza għall-barbun tat-tbajja' fis-sajd li jsir bit-tartaruni Daniżi fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES. L-Istati Membri talbu li l-eżenzjoni titkompla. L-STECF ivvaluta l-evidenza fis-snin preċedenti u kkonkluda ([13]) li d-*data* tal-istudju dwar ir-rati tas-sopravivenza hi affidabbli. Iċ-ċirkostanzi ma nbidlux u għalhekk jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tinżamm.

---

([6]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1099561/STECF+PLEN+15-02.pdf
([7]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2694823/STECF+20-04+-+Eval+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf
([8]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([9]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2147402/STECF+PLEN+18-02.pdf
([10]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1099561/STECF+PLEN+15-02.pdf
([11]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1780485/STECF+PLEN+17-02.pdf
([12]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2147402/STECF+PLEN+18-02.pdf
([13]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2147402/STECF+PLEN+18-02.pdf

(15) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 jinkludi eżenzjoni tas-sopravivenza għall-qabda u l-qabda aċċidentali tal-barbun tat-tbajja' fis-sajd li jimmira għall-pixxiċatt jew għall-ħut tond li jsir bi xbieki tat-tkarkir b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 120 mm fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES. L-Istati Membri talbu li l-eżenzjoni titkompla. Ir-rakkomandazzjoni konġunta talbet ukoll eżenzjoni ġdida tas-sopravivenza għolja għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad bix-xbieki tat-tkarkir b'daqs tal-malja ta' 100-119 mm fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES. L-Istati Membri pprovdew evidenza xjentifika addizzjonali biex juru rati għolja tas-sopravivenza tal-qbid skartat għall-barbun tat-tbajja' f'dak is-sajd. L-STECF innota li l-istudji ġustifikattivi saru b'daqs tal-malja ta' 90 mm; għalhekk mhux probabbli li r-rati tas-sopravivenza jkunu aktar baxxi b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 100 mm. Minħabba li l-istaġun u l-esponiment tal-arja huma fatturi ewlenin li jinfluwenzaw is-sopravivenza tal-barbun tat-tbajja' u minħabba li r-rati tas-sopravivenza jistgħu jkunu aktar baxxi wara 60 minuta ta' esponiment tal-arja, jenħtieġ li l-eżenzjonijiet jiġu inklużi f'dan ir-Regolament u jenħtieġ li l-qabdiet mhux mixtieqa tal-barbun tat-tbajja' jinħelsu minnufih.

(16) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 jinkludi eżenzjonijiet tas-sopravivenza għal:

— il-barbun tat-tbajja' li jinqabad bi xbieki tat-tkarkir b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 90-99 mm mgħammra b'pannell Seltra fis-sajd li jimmira għall-pixxiċatt jew għall-ħut tond fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES,

— il-barbun tat-tbajja' li jinqabad bi xbieki tat-tkarkir b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 80-99 mm li jimmira għall-pixxiċatt jew għall-ħut tond fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES.

(17) L-Istati Membri talbu li jkomplu din l-eżenzjoni u pprovdew evidenza xjentifika ġdida li tirriżulta minn studji li għadhom għaddejjin. L-STECF osserva ([14]) li għad hemm bżonn titjib fid-definizzjoni biex issir distinzjoni bejn is-sajd għall-pixxiċatt u għall-ħut tond li jimmira għall-awwisti. Il-Kummissjoni nnotat li l-Istati Membri impenjaw ruħhom fir-rakkomandazzjoni konġunta biex iwettqu aktar ħidma f'dan ir-rigward. Għalhekk jenħtieġ li din l-eżenzjoni tinżamm.

(18) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 jinkludi eżenzjoni tas-sopravivenza għall-qabdiet tal-barbun tat-tbajja' inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni (MCRS) li jinqabad bi xbieki tat-tkarkir bi travu (BT2) b'daqs tal-malja ta' 80-119 mm fid-diviżjoni 2a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES:

— għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad bi rkapti mgħammra b'ħabel flip-up jew b'pannell tar-rilaxx tal-bentos (BRP) minn bastimenti b'saħħa tal-magna ta' aktar minn 221 kW,

— għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad mill-bastimenti tal-Istati Membri li jimplimentaw il-pjan direzzjonali għas-Sajd Iddokumentat bis-Sħiħ,

— għall-pixxiċatt li jinqabad bi xbieki tat-tkarkir bi travu (BT2) u minn bastimenti b'saħħa tal-magna ta' mhux aktar minn 221 kW jew b'tul kumplessiv ta' inqas minn 24 m, li jkunu mibnija għas-sajd fiż-żona ta' tnax-il mil, jekk it-tul medju tat-tkarkir ikun inqas minn disgħin minuta.

(19) L-Istati Membri talbu li l-eżenzjoni titkompla u ppreżentaw informazzjoni xjentifika ġdida. L-STECF innota ([15]) li hemm għaddejjin bosta proġetti sostanzjali ta' riċerka li jenħtieġ jipprovdu informazzjoni utli dwar din l-eżenzjoni. Għalhekk jenħtieġ li dawn l-eżenzjonijiet jinżammu. L-Istati Membri jenħtieġ jippreżentaw *data* rilevanti li tirriżulta mill-proġetti li għaddejjin mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju ta' kull sena. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-Istati Membri impenjaw ruħhom fir-rakkomandazzjoni konġunta li jippreżentaw skeda taż-żmien għat-tlestija tal-pjan direzzjonali bir-rapport annwali li jmiss sal-1 ta' Mejju 2021.

(20) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 jinkludi eżenzjoni tas-sopravivenza għall-barbun imperjali li jinqabad bi rkapti TBB b'manka b'daqs ta' aktar minn 80 mm fis-subżona 4 tal-ICES. L-Istati Membri talbu li l-eżenzjoni titkompla u ppreżentaw informazzjoni xjentifika ġdida. L-STECF innota ([16]) li mhux ċar jekk l-estimi tas-sopravivenza pprovduti humiex applikabbli għal din it-talba. Il-Kummissjoni tinnota li l-Istati Membri impenjaw ruħhom fir-rakkomandazzjoni konġunta biex iwettqu aktar riċerka ħalli josservaw is-sopravivenza tal-barbun imperjali skartat u biex jipprovdu informazzjoni aktar dettaljata dwar is-sopravivenza fi proġett xjentifiku ġdid, li se jibqa' għaddej sa tmiem l-2021. Għalhekk jenħtieġ li din l-eżenzjoni tinżamm sal-31 ta' Diċembru 2022. L-Istati Membri jenħtieġ jippreżentaw rapporti annwali sal-1 ta' Mejju ta' kull sena dwar il-progress tal-ħidma li qed issir.

([14]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2694823/STECF+20-04+-+Eval+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf
([15]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2694823/STECF+20-04+-+Eval+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf
([16]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2694823/STECF+20-04+-+Eval+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf

(21) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 jinkludi eżenzjoni tas-sopravivenza għar-rebekkini u r-raj li jinqabdu bl-irkaptu kollu tas-sajd fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES. L-Istati Membri talbu li l-eżenzjoni titkompla u ppreżentaw informazzjoni xjentifika ġdida. L-STECF ikkonkluda ([17]) li saru sforzi sinifikanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fid-*data* ħalli jintlaħqu l-objettivi tal-pjan direzzjonali. Għalhekk jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tinżamm. Madankollu, jeħtieġ jitjieb il-ġbir tad-*data*. Jenħtieġ li l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett jippreżentaw informazzjoni xjentifika addizzjonali sal-1 ta' Mejju ta' kull sena, b'mod partikolari għar-raja kukù li nstabu li għandhom rata tas-sopravivenza aktar baxxa. Il-Kummissjoni tinnota li wara t-talba tal-STECF, l-Istati Membri impenjaw ruħhom fir-rakkomandazzjoni konġunta li jirrapportaw dwar il-pjan direzzjonali miftiehem, inkluż għar-raja kukù.

(22) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1395/2014 ([18]) jinkludi eżenzjoni tas-sopravivenza għall-kavalli u l-aringi li jinqabdu b'tartaruni tal-borża f'ċerti kundizzjonijiet wara evalwazzjoni pożittiva mill-STECF ([19]). L-istudju sab li r-rati tas-sopravivenza jiddependu fuq iż-żmien tal-iffullar u d-densità tal-ħut fix-xibka, li ġeneralment ikunu limitati f'dawn it-tipi ta' sajd. L-Istati Membri talbu li l-eżenzjoni titkompla. Iċ-ċirkostanzi ma nbidlux u għalhekk jenħtieġ li l-eżenzjoni tinżamm. Jenħtieġ li l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett jippreżentaw *data* aġġornata dwar is-sajd sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2022.

(23) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 jinkludi eżenzjonijiet *de minimis* għal:

— il-lingwata komuni li tinqabad bil-pariti u bl-għeżula fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES,

— il-lingwata komuni li tinqabad b'ċerti xbieki tat-tkarkir bi travu mgħammra b'pannell Fjamming fis-subżona 4 tal-ICES,

— il-qabdiet ikkombinati ta' lingwata komuni, merluzz tal-linja sewda, merlangu, bakkaljaw, pollakkju iswed u merluzz li jsiru b'ċerti xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fid-diviżjoni 3a tal-ICES,

— il-qabdiet ikkombinati ta' lingwata komuni, merluzz tal-linja sewda, merlangu, bakkaljaw, pollakkju iswed, barbun tat-tbajja', aringa, merluzz tan-Norveġja, arġentina silus u stokkafixx li jsiru b'ċerti xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fid-diviżjoni 3a tal-ICES,

— il-merlangu li jinqabad b'ċerti xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fid-diviżjoni 3a tal-ICES,

— il-barbun tat-tbajja' li jinqabad b'ċerti xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fis-subżona 4 tal-ICES,

— l-ispeċijiet kollha soġġetti għal-limiti tal-qbid li jinqabdu b'ċerti xbieki tat-tkarkir bi travu fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES,

— il-ħaxixet il-mikinsa li tinqabad b'ċerti xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fis-subżona 4 tal-ICES.

(24) L-Istati Membri talbu li l-eżenzjoni titkompla. L-STECF analizza dik l-evidenza fis-snin preċedenti u kkonkluda ([20]) ([21]) ([22]) li d-dokumenti mressqa mill-Istati Membri kien fihom argumenti motivati li juru li hu diffiċli li jinkiseb aktar titjib fis-selettività jew li dan jimplika spejjeż sproporzjonati fl-immaniġġjar tal-qabdiet mhux intenzjonati. Iċ-ċirkostanzi ma nbidlux u għalhekk jixraq jibqgħu jiġu applikati l-eżenzjonijiet *de minimis* f'konformità mal-livell perċentwali u l-modifiki meħtieġa ssuġġeriti fir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida skont l-Artikolu 15(5)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(25) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 jinkludi eżenzjoni *de minimis* għall-merlangu u l-bakkaljaw li jinqabdu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fid-diviżjoni 4c tal-ICES. L-Istati Membri talbu li l-eżenzjoni titkompla. L-STECF analizza din l-eżenzjoni fis-snin preċedenti ([23]) u l-eżenzjoni ngħatat abbażi li s-selettività kienet diffiċli biex titjieb. Madankollu, minħabba l-istatus attwali tal-bakkaljaw ([24]), l-STECF innota fir-rapport tiegħu 20-04 li jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex inaqqsu l-livell tal-qabdiet mhux mixtieqa. Għalhekk jenħtieġ li l-eżenzjoni tingħata għal sena waħda u li l-Istati Membri li għandhom interess f'dan it-tip ta' sajd jippreżentaw informazzjoni addizzjonali dwar il-kompożizzjoni tal-qabdiet għall-valutazzjoni mill-STECF sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2021.

([17]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2694823/STECF+20-04+-+Eval+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf
([18]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1395/2014 tal-20 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar tal-ħut għal ċertu sajd ta' ħut pelaġiku żgħir u ċertu sajd għal skopijiet industrijali fil-Baħar tat-Tramuntana. (ĠU L 370, 30.12.2014, p. 35).
([19]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/812327/STECF+PLEN+14-02.pdf
([20]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1099561/STECF+PLEN+15-02.pdf
([21]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2147402/STECF+PLEN+18-02.pdf
([22]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1710831/STECF+17-08+-+Evaluation+of+LO+joint+recommendations.pdf
([23]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1710831/STECF+17-08+-+Evaluation+of+LO+joint+recommendations.pdf/d7110d8a-c4da-498c-8b30-98d0b5c2fc22
([24]) http://ices.dk/sites/pub/Publication%20Reports/Advice/2020/2020/cod.27.47d20.pdf

(26) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 jinkludi eżenzjoni *de minimis* għall-merlangu u l-bakkaljaw taħt l-MCRS li jinqabdu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew bit-tartaruni fis-subżoni 4a u 4b tal-ICES. L-Istati Membri talbu li din l-eżenzjoni titkompla u pprovdew evidenza ġdida. L-STECF analizza l-evidenza mressqa mill-Istati Membri u nnota li bħalissa għaddej studju ġdid iżda għad hemm bżonn titjieb l-evidenza pprovduta. Minħabba l-istatus attwali tal-bakkaljaw ([25]), l-STECF innota fir-rapport tiegħu 20-04 li l-Istati Membri jenħtieġ jieħdu miżuri biex inaqqsu l-livell tal-qabdiet mhux mixtieqa. Għalhekk jenħtieġ li l-eżenzjoni tingħata għal sentejn u għall-merlangu biss b'persentaġġ imnaqqas.

(27) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 jinkludi eżenzjoni *de minimis* għall-merlangu inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li jinqabad minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malja ta' 80-119 mm fis-subżona 4 tal-ICES. L-Istati Membri talbu li din l-eżenzjoni titkompla u pprovdew evidenza ġdida. L-STECF innota ([26]) li hemm evidenza dwar iż-żieda fl-ispejjeż. L-Istati Membri indikaw riskju potenzjali ta' kwota limitanti għal dan is-sajd, kif ukoll li għaddejjin studji dwar l-adozzjoni ta' miżuri tas-selettività li jenħtieġ jipprovdu informazzjoni utli dwar din l-eżenzjoni. Madankollu, l-STECF osserva li l-informazzjoni pprovduta hi limitata u tkopri biss il-flotta Olandiża. Għalhekk jenħtieġ li l-eżenzjoni tingħata għal sena waħda. L-Istati Membri jenħtieġ jippreżentaw aktar evidenza dwar l-ispejjeż sproporzjonati u t-titjib fis-selettività sal-1 ta' Mejju 2021.

(28) Ir-Regolament Delegat (UE) Nru 1395/2014 jinkludi eżenzjoni *de minimis* għall-kavalli, għas-sawrell, għall-aringi u għall-merlangu li jinqabdu b'bastimenti tat-tkarkir b'tul kumplessiv sa 25 metru bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir pelaġiku fis-subżoni 4b u 4c tal-ICES li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 54 grad tat-Tramuntana. L-Istati Membri talbu li din l-eżenzjoni titkompla u pprovdew evidenza ġdida. L-STECF ikkonkluda ([27]) li hu raġonevoli li wieħed jassumi li hu diffiċli jinkiseb aktar titjib fis-selettività u li l-ispejjeż għas-separazzjoni tal-qabdiet ikunu għoljin minħabba n-natura tas-sajd involut. Madankollu, l-STECF osserva li qed tingħata informazzjoni ġdida limitata u għalhekk l-Istati Membri jenħtieġ jipprovdu aktar evidenza kwantitattiva li tappoġġja l-eżenzjoni *de minimis*. Għalhekk jenħtieġ li l-eżenzjoni tingħata għal sentejn. L-Istati Membri jippreżentaw informazzjoni addizzjonali għall-valutazzjoni mill-STECF sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2022

(29) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 ta eżenzjoni *de minimis* għal kwantità kkombinata ta' laċċa kaħla, ċiċċirella, merluzz tan-Norveġja u stokkafixx fis-sajd demersali bi xbieki tat-tkarkir fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES. L-Istati Membri talbu li din l-eżenzjoni titkompla u pprovdew evidenza ġdida. L-STECF ikkonkluda ([28]) i hu raġonevoli li wieħed jassumi li hu diffiċli jinkiseb aktar titjib fis-selettività u li l-ispejjeż għas-separazzjoni tal-qabdiet ikunu għoljin minħabba n-natura tas-sajd involut. Madankollu, l-STECF innota li kienet meħtieġa aktar *data* kwantitattiva biex tappoġġja l-eżenzjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-eżenzjoni tingħata għal sentejn. L-Istati Membri jenħtieġ jipprovdu *data* xjentifika aġġornata u informazzjoni ġustifikattiva xierqa sal-1 ta' Mejju 2022.

(30) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 ta eżenzjoni *de minimis* għall-ħaxixet il-mikinsa li tinqabad bil-konzijiet fis-subżona 4 tal-ICES. L-Istati Membri talbu li din l-eżenzjoni titkompla u pprovdew evidenza ġdida. L-STECF analizza l-informazzjoni mressqa mill-Istati Membri u kkonkluda ([29]) li għalkemm l-informazzjoni ppreżentata hi limitata, l-argumenti rigward id-diffikultajiet fit-titjib tas-selettività huma kredibbli. Għalhekk jenħtieġ li l-eżenzjoni tingħata għal sentejn. L-Istati Membri jenħtieġ jippreżentaw informazzjoni addizzjonali li tirfed din l-eżenzjoni sal-1 ta' Mejju 2022.

(31) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 ta eżenzjonijiet *de minimis* għall-kavalli u għas-sawrell li jinqabdu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'daqs tal-malja ta' 80-99 mm fis-subżona 4 tal-ICES. L-Istati Membri talbu li din l-eżenzjoni titkompla u pprovdew evidenza ġdida. L-STECF analizza l-evidenza mressqa mill-Istati Membri u kkonkluda ([30]) li hemm evidenza ta' żieda fl-ispejjeż assoċjati mal-immaniġġjar u l-ħażna ta' qabdiet mhux mixtieqa, iżda li l-informazzjoni pprovduta kienet limitata għal ċerti żoni u flotot. L-eżenzjoni jenħtieġ tingħata għal sentejn u li tapplika għal dawk iż-żoni u l-flotot. L-Istati Membri jenħtieġ jippreżentaw informazzjoni addizzjonali li tirfed din l-eżenzjoni sal-1 ta' Mejju 2022.

---

([25]) http://ices.dk/sites/pub/Publication%20Reports/Advice/2020/2020/cod.27.47d20.pdf
([26]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2694823/STECF+20-04+-+Eval+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf
([27]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2694823/STECF+20-04+-+Eval+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf
([28]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2694823/STECF+20-04+-+Eval+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf
([29]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2694823/STECF+20-04+-+Eval+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf
([30]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2694823/STECF+20-04+-+Eval+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf

(32) Ir-rakkomandazzjoni konġunta tinkludi eżenzjoni *de minimis* ġdida għall-istokkafixx fis-sajd industrijali tat-tkarkir pelaġiku. L-STECF analizza l-evidenza pprovduta mill-Istati Membri u kkonkluda ([31]) li l-informazzjoni li tappoġġja l-argumenti tas-selettività li huma diffiċli biex jinkisbu u tal-ispejjeż sproporzjonati tal-immaniġġjar tal-qabdiet mhux mixtieqa kienet limitata. Madankollu, l-STECF osserva li hu diffiċli li jinkiseb aktar titjib fis-selettività minħabba l-ispeċifiċitajiet tekniċi u sanitarji tal-bastiment tat-tkarkir fil-fabbrika involut. L-eżenzjoni jenħtieġ tingħata għal sentejn biex tkun allinjata ma' baċiri tal-baħar oħra u biex l-Istati Membri jingħataw biżżejjed żmien ħalli jiċċaraw id-diskrepanzi fid-*data*, kif identifikati mill-STECF. L-Istati Membri jenħtieġ jippreżentaw informazzjoni addizzjonali sal-1 ta' Mejju 2022.

(33) Biex ikunu żgurati stimi affidabbli tal-livelli ta' skartar biex jiġu stabbiliti l-qabdiet permissibbli totali, jenħtieġ li, meta l-eżenzjoni *de minimis* tkun bbażata fuq l-estrapolazzjoni ta' sitwazzjonijiet b'*data* limitata u informazzjoni dwar il-flotot parzjali, l-Istati Membri jiżguraw provvista ta' *data* preċiża u verifikabbli għall-flotta sħiħa koperta minn dik l-eżenzjoni.

(34) Il-miżuri li ġew issuġġeriti fir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida huma skont l-Artikolu 15(4), l-Artikolu 15(5)(c) u l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u skont ir-Regolament (UE) 2018/973, u b'mod partikulari l-Artikolu 11 tiegħu, u b'hekk jistgħu jiddaħħlu f'dan ir-Regolament.

(35) Skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2018/973, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati fir-rigward tal-obbligu ta' ħatt l-art għal perjodu ta' ħames snin li jibda mill-5 ta' Awwissu 2018. Għalhekk jixraq jiġi rivedut l-impatt tal-eżenzjonijiet tas-sopravivenza u *de minimis* mill-obbligu ta' ħatt l-art.

(36) Jenħtieġ jitħassar ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 u jiġi sostitwit b'Regolament ġdid. Madankollu, l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 jipprevedu miżuri tekniċi biex tiżdied is-selettività tal-irkaptu u jitnaqqsu l-qabdiet mhux mixtieqa fi Skagerrak, u biex ikun permess l-użu tax-xbieki SepNep. Dawk il-miżuri jenħtieġ jibqgħu applikabbli sa tmiem l-2021, kif inizjalment previst fir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238, jew sakemm att Delegat ġdid li għandu jiġi adottat skont ir-Regolament (UE) 2019/1241 ([32]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jipprevedi dawk id-dispożizzjonijiet.

(37) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, dan ir-Regolament jenħtieġ jidħol fis-seħħ minnufih wara li jiġi ppubblikat. Dan jenħtieġ jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art**

Fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Baħar tat-Tramuntana (id-diviżjonijiet 2a, 3a u s-subżona 4 tal-ICES), l-obbligu ta' ħatt l-art previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika għas-sajd demersali u għas-sajd pelaġiku li huma soġġetti għal limiti tal-qbid f'konformità ma' dan ir-Regolament għall-perjodu 2021-2023.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

([31]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2694823/STECF+20-04+-+Eval+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf

([32]) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005. (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

(1) "Apparat ta' selettività tan-netgrid" tfisser apparat ta' selettività li jikkonsisti f'sezzjoni magħmula minn erba' pannelli mdaħħla f'xibka tat-tkarkir b'żewġ pannelli b'xibka inklinata ta' malja maqrut b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 200 mm, li twassal għal toqba minn fejn jaħrab il-ħut fil-parti ta' fuq tax-xibka tat-tkarkir.

(2) "Pannell Fjamming" tfisser l-aħħar sezzjoni tal-malja tax-xibka tat-tkarkir bi travu, li tidjieq għax-xejn u li:

— il-parti ta' wara tagħha tkun imqabbda direttament mal-manka;

— is-sezzjonijiet ta' fuq u ta' taħt tax-xbieki jkunu magħmula minn malji b'daqs mill-inqas 120 mm meta jitkejlu bejn għoqda u oħra;

— it-tul imġebbed ikun mill-inqas 3 m.

(3) "Pannell tar-rilaxx tal-bentos" tfisser pannell ta' xbieki b'malja akbar jew b'malja kwadra mwaħħla fil-pannell ta' isfel ta' xibka tat-tkarkir, ġeneralment xibka tat-tkarkir bi travu biex jinħareġ kwalunkwe materjal bentiku jew frak ta' qiegħ il-baħar qabel ma jgħaddi fil-manka;

(4) "SepNep" tfisser xibka tat-tkarkir bid-diriġenti li:

— ikollha daqs tal-malja f'firxa minn 80 sa 99 mm +≥ 100 mm;

— tkun armata b'ħafna mankijiet b'daqsijiet tal-malja li jvarjaw minn tal-inqas 80 mm sa 120 mm, li jkunu mqabbdin ma' biċċa waħda ta' estensjoni, u l-manka ta' fuq nett ikollha daqs tal-malja ta' mill-inqas 120 mm u tkun armata b'pannell li jissepara li jkollu daqs massimu tal-malja ta' 105 mm; u

— barra minn hekk, tista' tkun immuntata bi gradilja selettiva fakultattiva bi spazju ta' mill-inqas 17 mm bejn il-vireg, sakemm tkun mibnija b'mod li tippermetti li jaħarbu l-iskampi ż-żgħar.

*Artikolu 3*

**Eżenzjonijiet tas-sopravivenza għall-iskampu**

1. L-eżenzjoni tas-sopravivenza prevista fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Baħar tat-Tramuntana (id-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES) għall-qabdiet tal-iskampu (*Nephrops norvegicus*) li ġejjin:

(a) qabdiet bin-nases (FPO ([33]));

(b) qabdiet bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, TBN) immuntati b':

(i) manka ta' 80 mm jew akbar; jew

(ii) manka b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 70 mm, mgħammra bi gradilja selettiva tal-ispeċijiet bi spazju massimu ta' 35 mm bejn il-vireg.

2. Meta jiġi skartat l-iskampu li jinqabad fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, dan għandu jinħeles sħiħ, minnufih u fiż-żona fejn ikun inqabad.

*Artikolu 4*

**Eżenzjoni tas-sopravivenza għal-lingwata komuni**

1. L-eżenzjoni tas-sopravivenza msemmija fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika għal-lingwata komuni (*Solea solea*) inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li tinqabad bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti (OTB) b'daqs tal-malja bil-manka ta' 80 sa 99 mm fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 4c tal-ICES, sa sitt mili nawtiċi mill-kosta, iżda barra miż-żoni tat-tkabbir tal-ħut identifikati.

2. L-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika biss għall-bastimenti b'tul massimu ta' 10 m u b'saħħa tal-magna massima ta' 221 kW, li jkunu qed jistadu f'ilmijiet b'fond ta' 30 m jew inqas u li jkollhom ħin tal-irmunkar ta' mhux aktar minn disgħin minuta.

3. Meta tiġi skartata l-lingwata komuni li tinqabad fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, din għandha tinħeles minnufih.

([33]) Il-kodiċijiet tal-irkapti li ntużaw f'dan ir-Regolament huma stabbiliti fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd. Għall-bastimenti li l-LOA tagħhom ikun inqas minn 10 m, il-kodiċijiet tal-irkaptu użati f'dan ir-Regolament huma stabbiliti fil-klassifikazzjoni tal-irkaptu tal-FAO.

*Artikolu 5*

**Eżenzjoni tas-sopravivenza għall-qabdiet inċidentali tal-ispeċijiet kollha soġġetti għal limiti ta' qbid li jinqabdu fin-nases u x-xbieki fyke**

1. L-eżenzjoni tas-sopravivenza msemmija fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika għall-ispeċijiet kollha soġġetti għal-limiti tal-qbid li jinqabdu bin-nases u bix-xbieki fyke (FPO, FYK) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES.

2. Meta jiġi skartat il-ħut li jinqabad fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, dan għandu jinħeles minnufih u taħt wiċċ l-ilma.

*Artikolu 6*

**Eżenzjoni tas-sopravivenza għall-qabdiet u l-qabdiet inċidentali tal-barbun tat-tbajja'**

1. L-eżenzjoni tas-sopravivenza msemmija fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a u fis-subżona 4 tal-ICES għal:

(a) il-barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) li jinqabad bi xbieki (GNS, GTR, GTN, GEN);

(b) il-barbun tat-tbajja' li jinqabad bit-tartaruni Daniżi;

(c) il-barbun tat-tbajja' li jinqabad bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, PTB):

(i) b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 120 mm waqt is-sajd għall-pixxiċatt jew għall-ħut tond fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a u s-subżona 4 tal-ICES.

(ii) b'daqs tal-malja ta' 90 sa 119 mm mgħammra b'pannell Seltra b'pannell ta' fuq b'daqs tal-malja ta' 140 mm (malja kwadra), b'daqs tal-malja ta' 270 mm (malja maqrut) jew b'daqs tal-malja ta' 300 mm (malja kwadra), fis-sajd li jimmira għall-pixxiċatt jew għall-ħut tond fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES;

(iii) b'daqs tal-malja ta' 80 sa 119 mm fis-sajd li jimmira għall-pixxiċatt jew għall-ħut tond fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES.

2. Meta jiġi skartat il-barbun tat-tbajja' fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, dan għandu jinħeles minnufih.

*Artikolu 7*

**Eżenzjoni tas-sopravivenza għall-barbun tat-tbajja' iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni**

1. L-eżenzjoni tas-sopravivenza msemmija fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES u għall-qabdiet tal-barbun tat-tbajja' li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li jsiru bi xbieki tat-tkarkir bi travu (BT2) b'daqs tal-malja ta' bejn 80 u 119 mm, jekk il-barbun tat-tbajja' jinqabad:

(a) (a) bi rkaptu armat b'ħabel flip-up jew b'pannell tar-rilaxx bentiku (BRP) minn bastimenti b'magna li għandha potenza akbar minn 221 kW; jew

(b) mill-bastimenti tal-Istati Membri li jimplimentaw il-pjan direzzjonali għas-Sajd Iddokumentat bis-Sħiħ,

2. L-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll għall-pixxiċatt li jinqabad bit-tagħmir tax-xbieki tat-tkarkir bi travu (BT2) minn bastimenti b'qawwa tal-magna ta' mhux aktar minn 221 kW jew b'tul totali inqas minn 24 m, li huma mibnija fuq ħut fiż-żona ta' tnax-il mil, jekk id-dewmien medju tax-xibka tat-tkarkir ikun anqas minn disgħin minuta.

3. Kull sena, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jippreżentaw informazzjoni xjentifika addizzjonali, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju, li tappoġġja l-eżenzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1 u 2. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika pprovduta sal-31 ta' Lulju ta' kull sena.

4. Meta jiġi skartat il-barbun tat-tbajja' li jinqabad fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, dan għandu jinħeles minnufih.

*Artikolu 8*

**Eżenzjoni tas-sopravivenza għall-barbun imperjali**

1. L-eżenzjoni tas-sopravivenza msemmija fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES għall-qabdiet tal-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) li jsiru bi xbieki tat-tkarkir bi travu (TBB) b'manka ta' 80 mm jew akbar.

2. L-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun applikabbli b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2022. Kull sena, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jippreżentaw informazzjoni xjentifika addizzjonali, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju, li tappoġġja l-eżenzjoni stipulata fil-paragrafu 1. L-STECF għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika pprovduta sal-31 ta' Lulju ta' kull sena.

3. Meta jiġi skartat il-barbun imperjali li jinqabad fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, dan għandu jinħeles minnufih.

*Artikolu 9*

**Eżenzjoni tas-sopravivenza għar-rebekkini u r-raj**

1. L-eżenzjoni tas-sopravivenza msemmija fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika għar-rebekkini u r-raj li jinqabdu bi rkaptu tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Baħar tat-Tramuntana (id-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES).

2. Kull sena, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jippreżentaw informazzjoni xjentifika addizzjonali, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju, b'mod partikolari għar-raja kukù, li tappoġġja l-eżenzjoni stipulata fil-paragrafu 1. L-STECF għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika pprovduta sal-31 ta' Lulju ta' kull sena.

3. Meta jiġu skartati r-rebekkini u r-raj li jinqabdu fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, dawn għandhom jinħelsu minnufih.

*Artikolu 10*

**Eżenzjoni tas-sopravivenza għall-qabdiet ta' kavalli u aringi fis-sajd bit-tartarun tal-borża**

1. L-eżenzjoni tas-sopravivenza msemmija fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika għall-kavalli u l-aringi li jinqabdu fis-sajd bit-tartarun tal-borża fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Baħar tat-Tramuntana (id-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES), jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-qabda tinħeles qabel ma jingħalaq ċertu persentaġġ (stabbilit fil-paragrafi 2 u 3 hawn taħt) tat-tartarun tal-borża ("il-punt tal-irkupru"),

(b) l-irkaptu tas-sajd bit-tartarun tal-borża jkun mgħammar b'baga li tidher li turi b'mod ċar il-limitu għall-punt tal-irkupru,

(c) il-bastiment u l-irkaptu tas-sajd bit-tartarun tal-borża jkunu mgħammra b'sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u dokumentazzjoni li tiddokumenta meta, fejn u sa liema punt ikun inġibed it-tartarun tal-borża għall-operazzjonijiet tas-sajd kollha.

2. Il-punt tal-irkupru fis-sajd għall-kavalli għandu jkun meta t-tartarun tal-borża jkun 80 % magħluq u fis-sajd għall-aringi għandu jkun meta t-tartarun tal-borża jkun 90 % magħluq.

3. Jekk il-ġliba ħut imdawra tkun tikkonsisti f'taħlita taż-żewġ speċijiet, il-punt tal-irkupru għandu jkun meta t-tartarun tal-borża jkun 80 % magħluq.

4. Hu pprojbit li l-qabdiet tal-kavalli u tal-aringi jinħelsu wara l-punt tal-irkupru.

5. Għandu jittieħed kampjun tal-ġliba ħut imdawra qabel tinħeles, biex jiġu stmati l-kompożizzjoni tal-ispeċijiet, il-kompożizzjoni tad-daqs tal-ħut u l-kwantità tal-ħut.

6. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jippreżentaw evidenza, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2022, li tiġġustifika l-ħtieġa li titkompla din l-eżenzjoni.

*Artikolu 11*

**Eżenzjonijiet de minimis għas-sajd pelaġiku u għas-sajd demersali**

B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu skartati l-kwantitajiet li ġejjin skont l-Artikolu 15(4)(c) ta' dak ir-Regolament:

(1) fis-sajd għal-lingwata komuni minn bastimenti li jużaw il-pariti u l-għeżula (GN, GNS, GND, GNC, GTN, GTR, GEN, GNF) fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Baħar tat-Tramuntana (id-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES):

kwantità ta' lingwata komuni inqas jew iżjed mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, sa 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi;

(2) fis-sajd għal-lingwata komuni minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu (TBB) b'daqs tal-malja ta' bejn 80 u 119 mm, armati b'pannell Fjamming, fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES:

kwantità ta' lingwata komuni inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, sa 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi;

(3) fis-sajd għall-iskampu minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, TBN) b'daqs tal-malja ta' 70 mm jew akbar, mgħammra bi gradilja selettiva għall-ispeċijiet bi spazju massimu ta' 35 mm bejn il-vireg fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES:

kwantità kkombinata ta' lingwata komuni, merluzz tal-linja sewda, merlangu, bakkaljaw, pollakkju iswed u merluzz inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, sa 4 % tal-qabdiet annwali totali ta' skampu, lingwata komuni, merluzz tal-linja sewda, merlangu u gamblu tat-Tramuntana, bakkaljaw, pollakkju iswed u merluzz;

(4) fis-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB u OTT) b'daqs tal-malja ta' 35 mm jew iktar, armati bi gradilja selettiva tal-ispeċijiet bi spazju massimu ta' 19 mm bejn il-vireg, bil-ħruġ mhux ibblukkat għall-ħut, fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES:

kwantità kkombinata ta' lingwata komuni, merluzz tal-linja sewda, merlangu, bakkaljaw, barbun tat-tbajja', pollakkju iswed, aringi, merluzz tan-Norveġja, arġentina silus u stokkafixx inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, meta teżisti, sa 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' skampu, lingwata komuni, merluzz tal-linja sewda, merlangu, bakkaljaw, pollakkju iswed, barbun tat-tbajja', gamblu tat-Tramuntana, merluzz, merluzz tan-Norveġja, arġentina silus, aringi u stokkafixx;

(5) fis-sajd b'bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, TBN, PTB) b'daqs tal-malja ta' 90-119 mm, mgħammra b'pannell Seltra b'pannell ta' fuq b'daqs tal-malja ta' 140 mm (malja kwadra), b'daqs tal-malja ta' 270 mm (malja maqrut) jew b'daqs tal-malja ta' 300 mm (malja kwadra), jew xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, TBN, PTB) b'daqs tal-malja ta' 120 mm jew akbar, fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES:

kwantità ta' merlangu inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, sa 2 % tal-qabdiet annwali totali ta' skampu, bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu, pollakkju iswed, lingwata komuni, barbun tat-tbajja' u merluzz;

(6) fis-sajd għall-iskampu b'bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'daqs tal-malja ta' 80-99 mm, mgħammra b'SepNep, fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES:

kwantità ta' barbun tat-tbajja' inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, sa 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' pollakkju iswed, barbun tat-tbajja', merluzz tal-linja sewda, merlangu, bakkaljaw, gamblu tat-Tramuntana, lingwata komuni u skampu;

(7) fis-sajd għall-gamblu tar-ramel minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES:

kwantità tal-ispeċijiet kollha soġġetti għal limiti ta' qbid, sa 6 % fl-2021 u fl-2022 u sa 5 % fl-2023 tal-qabdiet annwali totali tal-ispeċijiet kollha soġġetti għal limiti tal-qbid magħmula f'dak is-sajd;

(8) fis-sajd demersali minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB) b'daqs tal-malja ta' 120 mm jew akbar li jaqbdu l-ħaxixet il-mikinsa fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES:

kwantità ta' ħaxixet il-mikinsa inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, sa 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' ħaxixet il-mikinsa f'dak is-sajd;

(9) fis-sajd demersali mħallat minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni (OTB, OTT, SDN, SSC) b'daqs tal-malja ta' 70-99 mm (TR2) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 4c tal-ICES:

kwantità kkombinata ta' merlangu u bakkaljaw inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, sa 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' merlangu u bakkaljaw; l-ammont massimu ta' bakkaljaw li jista' jiġi skartat għandu jkun limitat għal 2 % ta' dawk il-qabdiet annwali totali;

l-eżenzjoni *de minimis* stabbilita f'dan il-punt għandha tkun applikabbli b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2021. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jippreżentaw informazzjoni xjentifika addizzjonali, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2021, li tappoġġja l-eżenzjoni. L-STECF għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika pprovduta sal-31 ta' Lulju 2021;

(10) fis-sajd demersali mħallat minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni (OTB, OTT, SDN, SSC) b'daqs tal-malja ta' 70-99 mm (TR2) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 4a u 4b tal-ICES:

kwantità ta' merlangu inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, sa 4 % tal-qabdiet annwali totali ta' merlangu;

l-eżenzjoni *de minimis* stabbilita f'dan il-punt għandha tkun applikabbli b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2022. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jippreżentaw informazzjoni xjentifika addizzjonali, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2022, li tappoġġja l-eżenzjoni. L-STECF għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika pprovduta sal-31 ta' Lulju 2022;

(11) fis-sajd demersali mħallat minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malja ta' 80-119 mm fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES:

kwantità ta' merlangu inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, sa 2 % tal-qabdiet annwali totali ta' barbun tat-tbajja' u lingwata;

l-eżenzjoni *de minimis* stabbilita f'dan il-punt għandha tkun applikabbli b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2021. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jippreżentaw informazzjoni xjentifika addizzjonali, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2021, li tappoġġja l-eżenzjoni. L-STECF għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika pprovduta sal-31 ta' Lulju 2021;

(12) fis-sajd pelaġiku mwettaq minn bastimenti tat-tkarkir pelaġiċi b'tul kumplessiv sa 25 m, bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir pelaġiku (OTM/PTM), u li jimmiraw għal kavalli, sawrell u aringi fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 54 grad tat-Tramuntana;

kwantità kkombinata ta' kavalli, sawrell, aringi u merlangu, sa 1 % tal-qabdiet annwali totali ta' kavalli, sawrell, aringi u merlangu;

l-eżenzjoni *de minimis* stabbilita f'dan il-punt għandha tkun applikabbli b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2022. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jippreżentaw informazzjoni xjentifika addizzjonali, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2022, li tappoġġja l-eżenzjoni. L-STECF għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika pprovduta sal-31 ta' Lulju 2022;

(13) fis-sajd demersali mħallat bi xbieki tat-tkarkir (OTB, OTM, OTT, PTB, PTM, SDN, SPR, SSC, TB, TBN) b'daqs tal-malja ta' aktar minn 80 mm fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES u fis-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana li jsir bl-użu ta' rkaptu immuntat bi gradilja selettiva li jkollha spazju massimu ta' 19 mm bejn il-vireg jew b'apparat ekwivalenti tas-selettività u b'apparat għaż-żamma tal-ħut b'daqs tal-malja ta' aktar minn 35 mm fid-diviżjoni 3a tal-ICES u ta' aktar minn 32 mm fis-subżona 4 tal-ICES:

kwantità kkombinata ta' laċċa kaħla, ċiċċirella, merluzz tan-Norveġja u stokkafixx, sa 1 % tal-qabdiet annwali totali magħmula fis-sajd demersali mħallat u fis-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana;

l-eżenzjoni *de minimis* stabbilita f'dan il-punt għandha tkun applikabbli b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2022. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jippreżentaw informazzjoni xjentifika addizzjonali, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2022, li tappoġġja l-eżenzjoni. L-STECF għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika pprovduta sal-31 ta' Lulju 2022;

(14) fis-sajd demersali għall-merluzz minn bastimenti li jużaw il-konzijiet (LLS) fis-subżona 4 tal-ICES:

kwantità ta' ħaxixet il-mikinsa (*Molva molva*) inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, sa 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' ħaxixet il-mikinsa f'dak is-sajd demersali;

l-eżenzjoni *de minimis* stabbilita f'dan il-punt għandha tkun applikabbli b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2022. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jippreżentaw informazzjoni xjentifika addizzjonali, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2022, li tappoġġja l-eżenzjoni. L-STECF għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika pprovduta sal-31 ta' Lulju 2022;

(15) fis-sajd demersali mħallat bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB) b'daqs tal-malja ta' bejn 80 u 99 mm (TR2) fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES:

kwantità ta' sawrell (*Trachurus spp.*), sa 6 % tal-qabdiet annwali totali ta' sawrell f'dak it-tip ta' sajd;

l-eżenzjoni *de minimis* stabbilita f'dan il-punt għandha tkun applikabbli b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2022. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jippreżentaw informazzjoni xjentifika addizzjonali, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2022, li tappoġġja l-eżenzjoni. L-STECF għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika pprovduta sal-31 ta' Lulju 2022;

(16) fis-sajd demersali mħallat bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB) b'daqs tal-malja ta' bejn 80 u 99 mm (TR2) fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES:

kwantità ta' kavalli (*Scomber scombrus*), sa 6 % tal-qabdiet annwali totali ta' kavalli f'dak it-tip ta' sajd;

l-eżenzjoni *de minimis* stabbilita f'dan il-punt għandha tkun applikabbli b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2022. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jippreżentaw informazzjoni xjentifika addizzjonali, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2022, li tappoġġja l-eżenzjoni. L-STECF għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika pprovduta sal-31 ta' Lulju 2022;

(17) fis-sajd industrijali b'bastiment tat-tkarkir pelaġiku li jimmira għall-istokkafixx fiż-subżona 4 tal-ICES u l-ipproċessar ta' dik l-ispeċi abbord biex tinkiseb bażi ta' surimi:

kwantità ta' stokkafixx (*Micromesistius poutassou*), sa 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' stokkafixx;

l-eżenzjoni *de minimis* stabbilita f'dan il-punt għandha tkun applikabbli b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2022. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jippreżentaw informazzjoni xjentifika addizzjonali, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2022, li tappoġġja l-eżenzjoni. L-STECF għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika pprovduta sal-31 ta' Lulju 2022.

*Artikolu 12*

**Tħassir u dispożizzjonijiet tranżitorji**

Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

Madankollu, l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2238 għandhom ikomplu japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2021 jew sakemm isir applikabbli att delegat, li għandu jiġi adottat skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241, skont liema jiġi l-ewwel.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli minn 1 sa 11 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Awwissu 2020.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN